MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2011

Rikors Numru. 3/2007/2

**Joseph u Stella konjugi Scicluna**

**vs**

**Carmelo Busuttil**

Il-Bord

Ra r-rikors promoss minn Carmelo Busuttil:

Illi permezz ta' rikors quddiem il-Bord tal-Kiri tar-Raba fl-ismijiet "Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil" (Rik. Nru. 5/2003/1JC), l-istess Joseph u Stella konjugi Scicluna wara li ppremettew illi (1) l-esponenti jikru lill-intimat ghalqa fl-inhawi msejha tal-Iskalpell limiti taz-Zejtun versu l-hlas ta' hamsin centezmu (50c) pagabbli kull sena fil-15 t'Awissu; (2) l-intimat halla l-ghalqa msemmija ma tinhadimx ghall mill-inqas tnax-il (12) xahar konsekuttivi skond il-kalendarju u dan fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 4 (1) tal-Kap 199 tal-

Ligijiet ta’ Malta, liema fatt jintitola lill-esponenti jiehdu lura l-pussess tar-raba sudetta; talbet lil dan l-Onorabbli Bord jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa li tinsab fl-inhawi tal-Iskalpell limiti taz-Zejtun mikrija kif fuq inghad mill-esponenti lill-intimat u dan billi jipprefiggi zmien qasir u perentorju sabiex l-istess intimat jizgombra mill-imsemmija ghalqa;

Illi l-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ fis-6 ta’ Frar 2006 ddecidiet ir-rikors fil-kontumacja tal-intimat, billi laqghet it-talba attrici u awtorizzatahom biex jiehdu f’idejhom l-ghalqa fl-inhawi msemmija tal-Iskalpell limiti taz-Zejtun u ghall-ghan tat-tkeccija jaghti xahar (1) zmien bid-data bl-ispejjes jithallsu mill-intimat;

Illi kif jirrizulta sew mir-rikors promutur kif ukoll mis-sentenza sucitata Joseph u Stella konjugi Scicluna li jigi awtorizzati “jirriprendu l-pussess tal-ghalqa li tinsab fl-inhawi tal-Iskalpell fil-limiti taz-Zejtun” bl-indikazzjoni tal-ghalqa b’mod generiku minghajr ma gie specifikat liema ghalqa hi u dan stante li jezistu diversi ghelieqi f’dawk l-inhawi inkluzi ohrajn li taghhom ir-rikorrent odjern huwa sahansitra propretarju;

Illi sew fir-rikors promutur kif ukoll fl-atti tar-rikors li tieghu qed tintalab ir-ritrazttazzjoni l-pozizzjoni tal-ghalqa ma gietx indentifikata u assodata bi provi dokumentarji u verbali;

Illi ciononostante Joseph u Stella konjugi Scicluna ottjenew il-hrug ta’ mandat ta’ zgumbrament nru 85/07JB b’referenza ghas-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba’ tas-6 ta’ Frar 2006 bi pjanta annessa li tindika ghalqa li mhix ir-raba’ mqabbla lil Carmelo Busuttil izda raba’ ohra li taghha huwa proprjetarju l-istess Carmelo Busuttil, liema pjanta qatt ma kienet giet esebita fir-rikors nru 5/2003/1JC u lanqas fl-atti ta’ dak ir-rikors u aghar minn hekk lanqas giet indikata jew saret referenza ghaliha fis-sentenza sucitata;

Illi kwindi jidher car li Joseph u Stella konjugi Scicluna ottjenew sentanza bil-qerq, bi hsara ta' Carmelo Busuttil a tenur tal-artikolu 811 (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi di piu' Carmelo Busuttil kellu konnoxenza tal-pjanta annessa mal-mandat ta' zgumbrament sucitat meta gie notifikat bil-mandat ta' zgumbrament suriferit u kien f'dak il-mument biss li huwa ntebah li Joseph u Stella konjugi Scicluna kienu qed jippruvaw jesegwixxu s-sentenza sucitata fuq raba' li taghha huwa l-prorpretarju u ghalhekk dan id-dokument sar jaf bih Carmelo Busuttil wara li nghatat is-sentenza sucitata a tenur tal-artikolu 811 (k) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk ir-rikors fl-ismijiet "Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil" (Rik. Nru 5/2003/1 JC) ghandu jerga jigi mismugh mil-gdid ghar-ragunijiet fuq imsemmija;

Jghidu ghalhekk Joseph u Stella konjugi Scicluna ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

- Tirrevoka w thassar is-sentenza tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba' tas-6 ta' Frar 2006 fir-rikors fl-ismijiet "Joseph u Stella konjugi Scicluna vs Carmelo Busuttil" (Rik Nru 5/2003/1 JC ) u dan a tenur tal-artikolu 811 (a) u (k) tal-Kap 12 ghar-ragunijiet fuq imsemmija;
- Tordna ghalhekk is-smigh mill-gdid ta' l-imsemmi rikors;

Bl-ispejjes kontra Joseph u Stella konjugi Scicluna minn issa ingunti in subizzjoni;

Ra wkoll ir-risposta ta' Joseph u Stella konjugi Scicluna :

Illi fl-ewwel lok in-nullita' tar-rikors peress li [hu] ghal kollox anti guridiku u koncettwalment kontro-sens li wiehed jikkontesta l-possibilita' ta' smiegh mill-gdid tal-kawza fejn fl-okkju l-parti li qed taghmel il-kawza tigi ndikata bhala l-konvenuta, u f'dan is-sens l-esponenti ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-azzjoni ghar-ritrattazzjoni kemm taht l-Artikolu 811 (a) u kemm 811 (k) hija perenta ai termini tal-Artikolu 818 (1) (a) u cioe' bi trapass ta' tlett xhur kif imsemmi fl-istess artikolu, u dan kif jirrizulta minn korrispondenza skambjata fejn jindika bic-car illi l-ewwel darba li l-istess Carmelo Busuttil sar jaf bl-art mertu tal-Mandat ta' Zgumbrament in kwistjoni, mhux minn dakinhar li rcieva l-mandat imma minn xhur qabel. Ghalhekk l-azzjoni ta' ritrattazzjoni llum ma ghadhiex sostenibbli;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, sa fejn jirrigwarda l-aggravji ta' l-imsemmi Carmelo Busuttil, irid jinghad illi ma hux minnu li l-esponenti pprattikaw xi xorta ta' qerq, u f'dan ir-rigward irid jinghad is-segwenti:

- Artikolu 811(a) - illi jrid jigi rilevat illi saret il-kawza quddiem il-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba', ma ngabu l-ebda provi dwar l-entita' tar-raba; in kwistjoni mhux biex jigi pprattikat xi xorta ta' qerq, izda ghaliex l-imsemmi Carmelo Busuttil addirittura kien qieghed jiskarta n-notifika, tant li fic-cedoli ta' depozitu tieghu pprovda indirizz fejn qatt ma seta' jigi nnotifikat, u li allura kellha ssir in-notifika bid-debita publikazzjoni u affissjoni li tippermetti l-ligi f'kazijiet simili. Illi wara tali notifika ppubblicizata bil-procedura msemmija l-imsemmi Carmelo Busuttil baqa' ma hax kura tal-azzjoni istitwita kontra tieghu, u ma kienx hemm allura htiega li jitressqu provi una volta li kien jidher manifestament car illi l-imsemmi Carmelo Busuttil ma kellu ebda interess fl-imsemmija proceduri, u kien ghalhekk li l-Onorabbli Bord ghadda ghas-sentenza;
- Artikolu 811 (k) - Illi lanqas huwa minnu li l-imsemmi Carmelo Busuttil sar jaf l-ewwel darba bid-dokument kif minnu spjegat peress illi kif diga' inghad aktar 'il fuq, kien diga' inghata indikazzjoni cara ta' liema parti mill-ghalqa qeghdin jitolbu li jirriprendu l-esponenti u l-pjanta annessa mal-Mandat ta' Zgumbrament ma' tikkwalifikax ghal dokumenti ghall-fini tal-Artiolu 811 (k) peress illi l-pjanta kienet mehtiega sabiex tindika dik il-parti li diga kienet maghrufa minn u indikata lil Carmelo

Busuttil kif diga’ fuq inghad. Ghalhekk anke’ f’dan ir-rigward it-talbiet ta’ Carmelo Busuttil ghandhom jigu respinti;

Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, dato ma non concesso li ma jintlaqghux l-eccezzjonjiet fuq imsemmija, ghandu jigi rilevat is-segwenti: Illi assolutament mhuwiex minnu li l-imsemmija porzjon raba minn ‘Ta’ L-Iskalpell tappartjeni lil Carmelo Busuttil. Tant huwa minnu li l-esponenti kienu akkwistaw l-istess porzjon raba’ b’titolu antecedenti ghal tieghu, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

Illi di piu’ l-imsemmi Carmelo Busuttil ma hux korrett f’dak li qieghed jippretendi, illi minn ezami ta’ dak li akkwista hu sussegwentement ghall-akkwist ta’ l-esponenti, ghandu jirrizulta li di fatti xtara l-ghalqa kollha, u ghalhekk kif jista jkun li jibqa’ jinsisti fuq il-pretenzjonijiet tieghu, meta addirittura ghalkemm kien ihallas il-qbiela lill-esponenti, u dan kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza, qieghed jghid li l-ghalqa hija kollha tieghu;

Salv eccezzjonjiet ohra.

Semgha l-provi;

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkonsidra:

Illi din hija sentenza dwar iz-zewg eccezzjonijiet preliminari sollevati mir-rittrattati konjugi Scicluna bl-ewwel konsiderazzjonijiet naturalment diretti lejn dik l-eccezzjoni ta’ nullita’ tar-rikors ordjern inkwantu kolpit b’difett procedurali konsistenti fin-nuqqas tal-inverzjoni tal-okkju mill-kawza deciza ghal dik in dizamina li kellha tkun intavolata minn Carmelo Busuttil kontra Joseph u Stella konjugi Scicluna *qua* attur li qed jitlob smiegh mill-gdid ta’ kawza li ghaddiet in gudikat. Ir-ritrattati isostnu li hu “anti-guridiku u koncettwalment kontro-sens” li l-parti li qed taghmel il-kawza tkun indikata bhala l-konvenuta. Huwa minnu li dan huwa punt ta’ spiss sollevat f’kawzi in rigward

fil-passat izda huwa konkordament ricevut fil-gurisprudenza illi dan il-fatt wahdu, u cioe li r-ritrattant jipproponi proceduri fl-istess ismijiet tal-kawza in gudikat, ma ghandux iwassal ghan-nullita' tal-azzjoni. Il-Bord ma jara xejn anti-guridiku u koncettwalment kontro-sens fil-mod kif r-rittrattant ippropona din il-procedura. Meta l-Qrati taghna irritenew u fil-fatt uzaw proprju il-kliem "antiguridiku u koncettwalment kontro-sens" kienu qed jirreferu ghal dik l-istanza fejn min jipproponi l-procedura ta' ritrattazzjoni jaghmel hekk kontra persuni li ma kienux parti fil-kawza li ghaddiet in gudikat (ara **Farrugia et vs Schembri – App 7 t'Ottubru, 1996**), kwistjoni din li ma ghandha l-ebda sembjanza mal-kwistjoni in dizamina. Fil-kawza **Anna Cassar vs Lawrence Attard noe et PA 25/09/2003**, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, irriteniet :

"Illi l-qorti hija tal-fehma li, fiz-zewg kazi, kaz ta' qlib tal-"okkju" bhal dan ma jwassalx ghat-thassir tal-att. L-artikolu 175 tal-Kap 12 jaghti lilll-Qorti setgha li nuqqas bhal dan jigi msewwi bla xkiel ghall-mixi 'l quddiem tal-process. F'dan il-kaz, il-Qorti tasal ghall-fehma li l-imharrek Bartolo ma sehlux juri li bil-mod kif tressaq l-att tac-citazzjoni huwa garrab xi pregudizzjali mqarr ckejken li jxekklu milli jiddefendi l-kawza, ahseb u ara li sehh xi pregudizzjali li m jistax jissewwa jekk mhux bit-thassir tal-atti."

Fil-kawza **Mildred Ferando vs Loris Bianchi pro 12/5/2003,** l-Qorti tal-Appell, trattandosi ta' diversi aspetti tal-procedura ta' ritrattazzjoni, irriteniet:

Dik dwar l-intestazzjoni tikkoncerna biss aspett procedurali. Minn ezami sekolari gie rimarkat illi "*essendo il giudizio di ritrattazione tutto novello e non una continuazione di altri liti, l'intestazione avrebbe dovuto essere, anche d'ordinario figurando tra i nomi il Neg. Scicluna come attore, e tutto gli altri contendenti come convenuti la inversa posizione pero` di nome nulla opera nella sostanza del giudizio, in quanto che e' espressamente detto che il libello, che e' la base del giudizio, sia del negoziante Scicluna, cio` che toglie ogni*

*equivoco riguardo alla persona dell'attore e dei convenuti*". ("**Luigi Bonnici pro et noe et –vs- Pasquale Farrugia et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 11 ta' Lulju 1883, a Vol X p177; "**Publius Farrugia nomine –vs- Joseph Mallia noe**", Appell Kummerc, 5 ta' Marzu 1979).

Bi pronuncjament daqshekk car mill-Qorti tal-Appell li n-nuqqas tal-inverzjoni tal-ismijiet f'kawza gdida ta' ritrattazzjoni ma jimporta ebda nullita' tal-procedura, dan il-Bord ma jarax li ghandu jinoltra f'aktar konsiderazzjonijiet u ghalhekk qieghed jichad l-ewwel eccezzjoni;

It-tieni eccezzjoni taggira dwar it-terminu procedurali li fih kellha tkun intavolata l-odjerna kawza li skond ir-ritrattati oltrepassa dak tat-tlett xhur koncess mill-artikolu 811(a) u (k) tal-Kap 12, disposizzjonijiet dawn invokati mill-istess ritrattant meta jghid li r-ritrattati ottjenew sentenza b'qerq (artikolu 811(a)) u li r-ritrattant kellu konnoxxenza tal-pjanta u kwindi dokument gdid biss wara s-sentenza li taghha qed tintalab ir-ritrattazzjoni (artikolu 811(k)). Minn ezami tal-gurisprudenza in rigward, il-Qrati taghna invarjabilment irritenew illi din il-procedura hija rimedju straordinarju soggett ghar-regoli strettissimmi u jikkonsegwi illi dan il-Bord opportunement jirribadixxi l-istess insenjament. Fis-sentenza citata *supra* **Mildred Frendo vs Loris Bianchi**, l-Qorti irriteniet, illi:

Ma jkunux inopportun jekk tigi anke hawn ribadita l-osservazzjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza "**Leonard Muscat et –vs Onorevoli Prim'Ministru**", 31 ta' Lulju 2000:

"*L-istitut tar-ritrattazzjoni jipprovdi rimedju utilissimu ta' revizjoni ta' sentenza finali, bl-iskop illi jigu rettifikati certi zbalji specifikati u evidenti f'gudikati u b'hekk tigi evitata "miscarriage of justice" u tinkiseb gustizzja sostanzjali ghall-partijiet*."

Zied pero` jigi aggunt illi "*l-ligi tirrestringi dan ir-rimedju ghal certi ragunijiet biss li huma tassattivament elenkati fil-ligi. Inoltre l-ligi timponi certi kondizzjonijiet*

*ghall-ezercizzju ta' l-istess rimedju li wiehed hu mistenni li josservahom skrupolozament*."

Huwa proprju ghalhekk li dan l-istitut huwa meqjus bhala rimedju straordinarju (**Vol XXV pI p137**) governat minn regoli ta' interpretazzjoni strettissima (**Vol XXVII pI p818**), "*non suscettibili di una estensiva ma della sola letterale*" ("**Antonio Micallef –vs- Maria Dolores Vella et**", Prim'Awla, Qorti Civili, 25 ta' Gunju 1910).

Jehtieg ghalhekk li jinzamm dejjem fil-mira l-aspett ta' massima importanza li dan l-istitut huwa ta' rimedju straordinarju u li r-regoli tieghu ghandhom ikunu osservati skrupolozament. L-ewwel aggravju tar-ritrattant huwa dak ravvizat fl-artikolu 811 (a) tal-Kap 12 li jipprovdi li tista' ssir talba ghar-ritrattazzjoni ghal wahda minn dawn ir-ragunijiet u, fil-kaz imqanqal mir-ritrattant, "jekk is-sentenza tkun ittiehdet bil-qerq ta' wahda mill-paritjiet bi hsara ta' l-ohra". Imbaghad l-artikolu 818 jghid illi z-zmien li fih tista ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni huwa dak ta' tliet xhur, u jibda jghodd fil-kazijiet msemmija fl-artikolu 811(a), mill-gurnata li fiha jinkixef il-qerq. Il-fatti li taw lok ghal din il-procedura jirrisalu ghas-6 ta' Frar 2006 meta l-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba pprolata is-segwenti sentenza li qed tkun hawn riprodotta:

Il-Bord;

Ra r-rikors ta' Joseph u Stella konjugi Scicluna, bil-qima jghidu:

Illi l-esponenti jikru lill-intimat ghalqa fl-inhawi msejjha Tal-Iskalpell limiti taz-Zejtun versu l-hlas ta' hamsin centezmi (50c) pagabbli kull sena fil-15 ta' Awissu;

Illi l-intimat halla l-ghalqa msemmija ma tinhadimx ghal mill-anqas tnax (12)-il xahar konsekuttivi skond il-kalendarju u dan fit-termini ta' dak li jiddisponi l-artikolu 4(1) (d) tal-Kap 199 tal-Ligijiet ta' Malta, liema fatt jintitola lill-esponenti jiehdu lura l-pussess tar-raba sudetta;

Ghaldaqstant l-esponenti ghar-ragunijiet fuq imsemmija qeghdin bil-qima jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa li tinsab fl-inhawi al-Iskalpell limiti taz-Zejtun mikrija kif fuq inghad mill-esponenti lill-intimat u dan billi tipprefigi zmien qasir u perentorju sabiex l-istess intimat jizgombra mill-imsemija ghalqa;

Sema x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent Joseph Scicluna;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Fil-kontumanca ta' l-intimat jilqa t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom biex jiehdu f'idejhom l-ghalqa fl-inhawi msejjha Tal-Iskalpell limiti taz-Zejtun; ghall-ghan ta' tkeccija jaghti xahar (1) zmien mil lum; l-ispejjez jithallsu mill-intimat

Ir-ritrattati konjugi Scicluna ottjenew il-hrug ta' mandat ta' zgumbrament inatavolat fit-22 ta' Jannar, 2007, bin-numru 85/07/JB u fir-rikors ghall-istess mandat kienet annessa pjanta Dok A fejn l-ghalqa mertu tas-sentenza u mandat kienet deskritta hekk: "L-ghalqa delineata bl-isfar fil-pjanta hawn annessa (DOK A) fl-inhawi msejha tal-Iskalpel limiti taz-Zejtun";

Ir-ritrattant jghid illi din il-pjanta ma kienitx esebita mal-atti tar-rikors 5/2003/1JC li tieghu hija riprodotta s-sentenza u li inoltre, l-istess pjanta "tindika ghalqa li mhix ir-raba' mqabbla lil Carmelo Busuttil izda raba' ohra li taghha huwa propretarju l-istess Carmelo Busuttil" u li ghalhekk l-konjugi Scicluna ottjenew sentenza bil-qerq a tenur tal-artikolu 811(a) tal-Kap 12. Ir-ritrattati invece, b'mod impregudikat ghal din l-allegazzjoni, jghidu li Carmelo Busuttil messu gab dan kollu ghall-konjizzjoni tal-Qorti ferm qabel la darba kien konsapevoli tal-fatti kollha wara li inghatat l-istess sentenza mill-Bord u esebew sensiela ta' ittri li jmorru lura ghall-Gunju 2006 fejn kienet skambjata korrispondenza li turi li gia kien hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-konfini tar-raba in meritu. Mix-xhieda tal-Perit Ian Zammit, jirrizulta illi r-ritrattant kien konsapevoli tas-sentenza prolatata mill-Bord sa mit-18 ta' Mejju 2006

meta huwa kellem lil Carmelo Busuttil gurnata wara li inghata l-inkarigu mir-ritrattati sabiex jiddelinea r-raba' in kwistjoni. Ir-ritrattant jikkoncedi li ghandu raba' imqabbla ghandu mill-konjugi Scicluna izda mhix dik indikata fil-pjanta annessa mal-mandat ghaliex dik tappartjeni lilu. Minn hawn jemergi illi r-ritrattant m'hu qed jaghmel l-ebda distinzjoni bejn is-sentenza u l-mandat ta' zgumbrament. Ghal fini ta' kalkolazzjoni ta' dekors ta' zmien ta' tlett xhur minn meta jinkixef il-qerq, jehtieg li jkun spjegat b'mod car f'hiex jikkonsisti l-allegat qerq u hawn kwazi kwazi hija rikjesta konsiderazzjoni dwar il-mertu ghaliex fl-ottjeniment tas-sentenza, il-Bord strah sia fuq il-kontumacja tal-intimat ritrattant kif ukoll fuq ix-xhieda tar-ritrattat Joseph Scicluna li mistoqsi mill-Bord ir-raguni ghaliex ghamel il-kawza wiegeb illi "ghandha bicca raba' mqabbla ghand Karmenu Busuttil u kienet ilha tlett snin ma tinhadem, ghalhekk qed nitlobha" (fol 42 tal-process 5/03 JAB anness in atti). Fl-istess waqt Carmelo Busuttil, kif gia, intqal, jikkoncedi illi huwa ghandu raba' mqabbel lilu mill-konjugi Scicluna fl-istess kontrada. Jista' jkun il-kaz li l-mandat ta' zgumbrament inniffsu jigbed fuqu l-attakk mir-ritrattant u mhux is-sentenza tal-Bord ghaliex *prima facie* ma jidher xejn sinistru fl-ottjeniment tal-istess sentenza. Ghalkemm il-Bord ma jixtieqx, f'dan l-istadju jidhol fil-mertu, kien l-istess ritrattand, tramite il-legali tieghu li wiegeb li "fil-fehma tieghi l-klijent tieghek [Scicluna] ser ikollu problema biex jezegwixxi s-sentenza" u dan wara li "ghamilt il-verifiki opportuni fil-process tal-kawza" (fol 15 ). Kwindi, wiehed jista' jargomenta illi jekk kien hemm xi qerq kif allegat, dan seta kien maghruf mir-ritrattant almenu minn Gunju tal-2006 meta ircieva l-ewwel ittra minghand ir-ritrattati. Issa, mid-data tas-sentenza sal-hrug tal-mandat ta' zgumbrament ghaddew hdax-il xahar u r-ritrattant seta' jipprezenta din il-procedura fi zmien tlett xhur minn meta ircieva l-ewwel ittra f'Gunju 2006 jigifieri sa Settembru 2006 meta seta jissuspetta li l-konjugi Scicluna ottjenew is-sentenza b'qerq, izda dik il-korrispondenza ma kienetx akkunpmanjata bil-pjanta in meritu. Izda, wkoll bil-mod kif espona l-kaz tieghu r-ritrattant, jista' jiftiehem illi l-allegazzjoni ta' qerq tikkonsisti filli r-ritrattati setghu ottjenew sentenza b'deskrizzjoni generika tar-raba sabiex eventwalment jesegwixxu l-istess

fuq raba' li allegatament ma tappartjenix lilhom u kien fil-mument meta irceva il-mandat ta' zgumbrament akkumpanjat bi pjanta li r-ritrattant qatt seta jinduna b'din l-istrategija kollha. In bazi ghal tali argomentazzjoni, jekk dan huwa l-kaz, allura t-tlett xhur jibdew jiddekorru minn meta kien notifikat bil-mandat ta' zgumbrament u ghalhekk il-Bord qieghed jichad it-tieni eccezzjoni sollevata mir-ritrattati;

Din il-procedura kienet intavolata ukoll fuq dak ravvizat fuq l-artikolu 811(k) li jaghti l-fakolta' ghal-talba ghar-ritrattazzjoni "jekk, wara s-sentenza ikun instab dokument deciziv, u l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx iggibu, qabel dik is-sentenza". Anke hawn, r-ritrattati objettaw billi eccepew l-perjodu ta' tlett xhur li fih r-ritrattant seta' jressaq din il-kawzali. L-artikolu 818(1)(a), bhal fil-kaz ta' qabel, jippreskrivi t-terminu ta' tlett xhur li fih tista ssir talba ghar-ritrattazzjoni, liema terminu jiddekorri mill-gurnata li fiha jinsab id-dokument. L-objezzjoni tar-ritrattati f'dan il-kaz hija destinata li tkun vista b'mod favorevoli u dan ghaliex il-fakolta' li l-parti titlob ir-ritrattazzjoni hija moghtija lilu meta id-dokument li bih seta' jipprova l-kawza tieghu ma kienx maghruf lilu u instab wara li inghatat is-sentenza. Izda fil-kaz in dizamina, r-ritrattant mhux biss kien passiv fil-kawza kontra tieghu bin-nuqqas li jwiegeb ghat-talbiet kontra tieghu u bin-nuqqas ta' presenza tieghu waqt il-kawza minkejja li kien debitament notifikat, talli id-dokument li jghid li issa gie fil-pussess tieghu inghata lilu propjru mir-ritrattati, akkumpanjanti l-mandat ta' zgumbrament. L-interpretazzjoni tal-artikolu 811(1) (a) ghandha tkun ristretta hafna kwantu l-oneru kif spjegat bis-sentenzi citati *supra*. Dan mhux kaz li r-ritrattant kien sokkombenti ghall-kawza minhabba li kien priv minn dokument li ma kienx fil-pussess tieghu, izda huwa kaz fejn hu ma vvanta l-ebda difiza u ma jistghax issa jghid li sab dokument li seta b'xi mod immotiva konsiderazzjoni differenti mill-Bord li prolata s-sentenza lamentata. Meta fl-ittri risponsivi tieghu r-rittrattant jghid li ser ikun difficli jezegwixxi s-sentenza minhabba l-konfini generici, kien konsapevoli tal-fatt li setghet kienet ottenuta sentenza dwar art li parti minnha kienet tieghu. A fol 51 jghid bil-

gurament illi l-perit tar-ritrattati kien talbu kopja tal-kuntratt u pjanta u "bghattielu u l-perit ma hadimx, ghax ma hadimx il-perit?" Aktar 'l quddiem jghid li ghandu l-pjanta tan-Nutar Mangion meta xtara l-art. U kwindi, jemergi minghajr ebda ombra ta' dubju illi r-ritrattant kellu fil-pussess tieghu l-pjanta li jghid li setghet kienet ta' beneficcju ghall-kawza tieghu, b'ammissjoni tieghu stess, izda ghal fini ta' din il-procedura qieghed jistrieh fuq id-dokument anness mal-atti ta' mandat ta' zgumbrament hdax il-xahar wara l-prolazzjoni tas-sentenza. Huwa ddikjara mal-perit Zammit li kellu tali pjanta meta kellu inkontru mieghu f'Mejju 2006, u ghalhekk kienu ddekadew gravament it-tlett xhur li fiha seta jintavola din il-procedura. Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talba bl-ispejjez kontra r-ritrattant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------